V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9224 — Brookfield Asset Management/Johnson Controls Power Solutions Business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 37/05)

1. Fis-16 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Asset Management Inc. ("Brookfield", il-Kanada),

— Johnson Controls International plc ("Johnson Controls", l-Irlanda)

Brookfield takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' parti minn Johnson Controls.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Brookfield tiġġestixxi assi alternattivi b'enfasi fuq il-proprjetà immobbli, l-enerġija rinnovabbli, l-infrastruttura u l-ekwità privata.

— Il-mira, li bħalissa hija unità tan-negozju ta' Johnson Controls, hija involuta fin-negozju ta' prodotti ta' ħażna ta' enerġija b'vultaġġ baxx li jużaw teknoloġiji ta' aċidu taċ-ċomb u l-jone tal-litju, primarjament għall-użu ma' vetturi tal-passiġġieri, trakkijiet u applikazzjonijiet mekkaniċi oħrajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9224 — Brookfield Asset Management/Johnson Controls Power Solutions Business

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË